# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 830/16/1 GM**

**Imnarja Ventures Limited (C-11537)**

**v.**

**Dr Louis Cassar Pullicino; Elmira Figiline; Alexander Figiline;**

**u b'digriet tat-2 ta' Ottubru, 2017 Dr Noel Bartolo u P.L. Jeremy Buttigieg inħatru bħala kuraturi ta' Elmira Figiline stante li huma assenti mill-gżejjer Maltin;**

**u b'digriet tas-27 ta' Mejju, 2021 il-P.L. Jeremy Buttigieg ġie sostitwit bil-P.L. Veronica Rossignaud;**

**u b'digriet tal-11 ta' Ġunju, 2021 Dr Noel Bartolo ġie sostitwit bl-Av. Dr Martha Mifsud**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija attriċi

Imnarja Ventures Limited minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-18 ta' Ġunju, 2020, fejn din: (i) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, l-Avukat Dr Louis Cassar Pullicino, u b'hekk ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju; (ii) astjeniet milli tqis l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-istess konvenut; (iii) laqgħet f'parti minnha l-ewwel talba tal-kumpanija attriċi billi ddikjarat li din kienet għamlet ħlas żejjed lill-konvenuti Figiline; (iv) illikwidat dan il-ħlas żejjed fl-ammont ta' €37,484.19 u kkundannat lill-konvenuti Figiline jħallsu lill-kumpanija attriċi dan l-ammont flimkien mal-imgħax legali li kellu jinħadem mill-jum tas-sentenza sa meta jsir il-ħlas; (v) ċaħdet ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet tal-kumpanija attriċi; u (vi) ordnat li l-ispejjeż tal-konvenut Dr Louis Cassar Pullicino għandhom jitħallsu mill-kumpanija attriċi filwaqt li l-bqija tal-ispejjeż, magħduda magħhom dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Lulju, 2015, għandhom jitħallsu mill-konvenuti Elmira u Alexander Figiline, b'dana li l-ispejjeż tal-kuraturi deputati għandhom jitħallsu proviżorjament mill-kumpanija attriċi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-22 ta' Settembru, 2016, il-kumpanija attriċi fissret li fl-2002, l-Avukat Louis Cassar Pullicino, f'isem Elmira u Alexander Figiline, kien fetaħ kawża kemm kontra tagħha u kif ukoll kontra Mapa Holdings Limited sabiex jiġbor lura flejjes imħallsa lilhom mill-predeċessur fit-titlu tal-imsemmija Figiline. Issokta jispjega li

b'sentenza mogħtija fit-28 ta' Ġunju, 2002, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-Avukat Louis Cassar Pullicino *nomine* u ordnat lil Mapa Holdings Limited biex tħallas lill-konvenuti Figiline s-somma ta' Lm55,337.65 waħedha, filwaqt li ordnatilha wkoll li tħallas lill-istess Figiline s-somma ta' Lm17,905.86 solidalment flimkien ma' Imnarja Ventures Limited (il-kumpanija attriċi fil-kawża tal-lum), bl-imgħaxijiet fuq dawn iż-żewġ ammonti mis-16 ta' Ġunju, 1995.

3. Il-kumpanija attriċi tenniet li wara li nqatgħet din il-kawża, l-Avukat Louis Cassar Pullicino, f'isem il-konvenuti Figiline, kien laħaq ftehim ma' Mapa Holdings Limited biex din tal-aħħar tħallas lill-konvenuti Figiline s-somma ta' Lm60,000 u tinħeles minn kull dejn li hija kellha magħhom, jiġifieri kemm dak li kellu jitħallas minnha waħedha u kif ukoll dak li kien dovut minnha b'mod solidali flimkien mal-kumpanija attriċi.

4. Ġara iżda li minħabba proċeduri legali meħuda kontra tagħha mill-Avukat Louis Cassar Pullicino f'isem il-konvenuti Figiline, il-kumpanija attriċi spiċċat biex ħallset waħedha lill-konvenuti Figiline *s-sorte* ta' Lm17,000 flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż ġudizzjarji, li kien dovut minnha solidalment flimkien ma' Mapa Holdings Limited. Għalhekk, il-kumpanija attriċi sostniet li hija kellha tiftaħ kawża kontra Mapa Holdings Limited sabiex tiġbor mingħandha nofs il-flejjes li hija kienet ħallset lill-konvenuti Figiline f'isimha. It-talbiet magħmula mill-kumpanija attriċi f'dik il-kawża ntlaqgħu b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1

ta' April, 2009.

5. Madankollu, din is-sentenza tħassret b'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru, 2012, wara li Mapa Holdings Limited appellat minnha. F'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell ikkunsidrat li bil-ftehim li sar bejn l-Avukat Louis Cassar Pullicino (f'isem Elmira u Alexander Figiline) u Mapa Holdings Limited, din tal-aħħar kienet inħallet kemm mis-solidarjetà u kif ukoll minn sehemha mid-dejn li hija kellha mal-kumpanija attriċi. Fi kliem ieħor, skont il-Qorti tal-Appell, b'dak il-ftehim, Mapa Holdings Limited kienet tneħħiet minn debitriċi tal-konvenuti Figiline, b'dana li fil-konfront ta' Figiline baqgħet biss debitriċi tagħhom il-kumpanija attriċi, għalkemm għal sehemha biss mill-istess dejn. Għalhekk, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li Imnarja Ventures Limited kien messha ħallset biss sehemha mid-dejn u mhux ukoll dik il-parti li nħafret lil Mapa Holdings Limited. B'hekk jekk kemm-il darba hija għamlet ħlas żejjed bi żball lill-konvenuti Figiline, hija ma setgħetx iddur fuq Mapa Holdings Limited sabiex tiġbor mingħandha dak li ma messha qatt ħallset f'isimha.

6. Il-kumpanija attriċi saħqet fir-rikors maħluf tagħha, li l-ħlas fuq imsemmi li sar minnha ma kienx għażla tagħha iżda kien sempliċement ir-riżultat ta' proċeduri legali mibdija mill-Avukat Louis Cassar Pullicino f'isem il-konvenuti Figiline, fejn dan kien fittex li jiġbor mingħandha l-ammont kollu li hija spiċċat biex ħallset permezz ta' proċeduri ta' rkant

ġudizzjarju li huwa nieda kontra tagħha.

7. Minħabba f'hekk hija kellha tiftaħ din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *« 1. Tiddikjara li l-ħlas ta' LM32,000 (minflok LM8,952.93 imgħax u spejjeż) ekwivalenti għal circa €75,000 [ħamsa u sebgħin elf ewro] mis-soċjetà rikorrenti sar konsegwenza ta' aġir abbużiv mill-intimati jew min minnhom li ottjenew proċeduri kontra tagħha meta mhux suppost, u konsegwentement kellha tagħmel il-ħlas imsemmi;*
>
> *2. Tillikwida l-ammont li għandu jiġi ritornat solidalment mill-intimati jew*
> *min minnhom.*
>
> *3.Tikkundanna solidalment lill-intimati jħallsu lura lis-soċjetà rikorrenti l-ammont li jiġi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti kif imsemmi hawn fuq*
> *(talba 2) kif ukoll l-imgħax fuq l-imsemmi ammont.*
>
> *4. Tiddikjara li l-intimati għandhom iħallsu l-ispejjeż legali mħallsa mir-rikorrenti fil-proċeduri hawn fuq, inter alia 89/2006 fl-ismijiet I**mnarja Ventures Limited v. Mapa Holdings Limited** fl-istadju tal-Prim'Awla, Appell, u Ritrattazzjoni u tas-sekwestru, tal-ipoteki, u tas-subbasta inkorsi minnha minħabba l-aġir tal-istess intimati.*
>
> *5. Tillikwida l-ispejjeż legali kollha inkorsi mis-soċjetà rikorrenti relattivament għall-ispejjeż legali kollha kif imsemmi hawn fuq.*
>
> *6. Tikkundanna solidalment lill-intimati tali ammont ta' spejjeż.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimati inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Lulju, 2015 »*

8. Il-konvenut Dr Louis Cassar Pullicino ressaq risposta maħlufa fl-20 ta' Ottubru, 2016 u fiha qal hekk:

> *«1. Illi preliminarjament is-soċjetà attriċi għandha tindika b'mod ċar in-natura tal-azzjoni minnha proposta u l-artiklu tal-liġi li fuqu tali azzjoni qiegħda tiġi msejsa u li fuqu s-soċjetà attriċi qiegħda tibbaża l-pretensjonijiet tagħha u dana stante illi kemm-il darba jirriżulta illi l-azzjoni attriċi ma taqa' taħt il-parametri ta' ebda azzjoni legali, tali azzjoni tkun improponibbli. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fi kwalunkwe każ, l-azzjoni attriċi hija insostenibbli minħabba li n-nuqqas tal-istess soċjetà sabiex tindika n-natura tal-azzjoni tagħha*

*qiegħed jippreġudika lill-esponent milli jiddefendi ruħu adegwatament;*

*2. Illi in linea preliminari wkoll u subordinament, kif jidher ċar mill-atti tal-proċeduri li għalihom saret riferenza fir-rikors promotur, l-esponent dejjem aġixxa fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju speċjali għan-nom tal-assenti Elimira Figiline kemm proprio kif ukoll bħala tutriċi għan-nom ta' binha li dak iż-żmien kien minorenni u ċjoè Alexander Figline. Konsegwentement l-esponent de proprio mhuwiex il-leġittimu kuntradittur u s-soċjetà attriċi hija ben konsapevoli tal-fatt illi huwa dejjem aġixxa bħala mandatarju speċjali tal-konvenuti l-oħra u li kull pagament li sar u ġie aċċettat ġie hekk aċċettat f'din il-kapaċità u għalhekk il-kawża kif proposta fil-konfront tiegħu personalment hija għalkollox frivola u vessatorja u għandha tiġi respinta bl-ispejjeż;*

*3. Illi għal kull buon fini jiġi sollevat ukoll illi l-esponent ma għadx għandu mandat sabiex ikompli jirrappreżenta hawn Malta lill-imsemmija Elmira Figiline u binha Alexander u l-unika mandat li qatt kellu kien limitat għall-proċeduri fl-ismijiet "Dr Louis Cassar Pullicino nomine v. Michael Zammit nomine et" liema proċeduri ġew definittivament deċiżi bis-saħħa tas-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fit-28 ta' Ġunju 2002;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma preskritti a tenur tal-artiklu 1027 jew l-artiklu 2156(f) tal-Kap. 16.*

*5. Illi f''kull każ l-esponent jiċħad illi l-għemil tiegħu kien b'xi mod abbużiv fil-konfront tas-soċjetà attriċi u kif ser jirriżulta mill-provi, is-soċjetà attriċi ħallset l-ammonti inkwistjoni ben konxja ta' dak kollu involut fil-kwistjoni ta' bejn il-partijiet. Fuq kollox kull pagament li sar lill-esponent fi-kapaċità tiegħu ta' mandatarju sar u ġie aċċettat minnu ai termini tas-sentenza indikata u kwindi huwa la talab u wisq anqas ġabar xi pagament b'mod illeċitu u/jew eċċessiv.*

*6. Illi f'kull każ it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.»*

9. Fis-7 ta' Diċembru, 2017 imbagħad wieġbu l-kuraturi deputati li nħatru biex jirrappreżentaw lill-konvenuti Figiline f'din il-kawża u qalu hekk:

*«1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u għalhekk jirriżervaw li jippreżentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rappreżentanti u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' għandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk għandha informazzjoni oħra, oltre dik diġà provduta fir-rikors ġuramentat.*

*2. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

10. B'sentenza mogħtija fit-18 ta' Ġunju, 2020, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża b'dan il-mod:

*«1. tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Dr Louis Cassar Pullicino u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*2. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet tal-istess konvenut dwar il-preskrizzjoni.*

*3. tilqa' in parte l-ewwel talba billi tiddikjara li sar ħlas eċċessiv mill-attriċi lill-konvenuti Figiline.*

*4. tillikwida l-istess ammont fis-somma ta' €37.484.19.*

*5. tikkundanna lill-konvenuti Figiline iħallsu l-ammont €37.484.19 hekk likwidat bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.*

*6. tiċħad ir-raba', il-ħames, u s-sitt talba.*

*Spejjeż tal-konvenut Dr Louis Cassar Pullicino a karigu tas-soċjetà attriċi; il-bqija tal-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Lulju, 2015 huma a kariku tal-konvenuti Elmira Figiline u Alexander Figiline, b'dan li proviżorjament l-ispejjeż tal-kuraturi jitħallsu mill-attriċi.»*

11. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*«Fatti*

*Illi ċertu Gregor Figiline, ir-raġel u missier il-konvenuti Figiline rispettivament, kien daħal f'konvenju ma' Michael Zammit in rappreżentanza ta' Mapa Limited datat 2 ta' Diċembru, 1994 biex jixtri appartament f'Windsor Terrace, Sliema. Figiline kien għamel pagamenti akkont lil Zammit kif ukoll lil Joseph Abela in rappreżentanza ta' Imnarja Ventures li kien qed jidher bħala sensar u anke bħala l-kuntrattur li kellu jispiċċa l-flat li kien inxtara ġebel u saqaf. Il-bejgħ ma sarx (għaliex Gregor Figiline ġie nieqes u l-mara tiegħu ma xtaqitx tkompli bil-konvenju) u l-konvenju skada fit-2 ta' Mejju, 1995 u l-ebda parti ma interpellat lill-oħra biex isir l-att pubbliku opportun;*

*Illi kwantu għall-pagamenti li saru qabel il-bejgħ tal-proprjetà jirriżulta li Abela tħallas is-somma ta' US $42,000 u Zammit tħallas l-ammont*

*komplessiv ta' US $87,800;*

*Illi Elmira Figiline, mart Gregor istitwiet proċeduri kontra Mapa Limited u Imnarja Ventures – ċitaz numru 880/97GV, fejn kien deher għan-nom tagħha u ta' binha minuri, il-konvenut Dr Louis Cassar Pullicino sabiex Mapa Holdings Limited u Imnarja Ventures Limited jirrifondu l-ammont imħallas minn żewġha;*

*Illi l-Qorti permezz tad-deċiżjoni tagħha tat-28 ta' Ġunju 2002 ordnat lill-konvenut Zammit nomine sabiex jirrifondi lill-attur nomine l-fuq imsemmija somma kollha ta' ħamsa u ħamsin elf tliet mija u sebgħa u tletin lira Maltin u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm55,337.65) filwaqt li għall-konvenut Abela noe in solidum ma' Zammit noe limitatament għall-ammont minnu riċevut ta' US$42,000 ekwivalenti għal sbatax-il elf u disa' mija u ħames liri Maltin u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm17,905.86). Din id-deċiżjoni ma ġietx appellata;*

*Illi l-konvenut Dr Cassar Pullicino xehed illi Michael Zammit għan-nom ta' Mapa Holdings Limited kien offra li jħallas Lm60,000 u ċjoè l-LM55,337.65 flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-attriċi, kemm għall-ammont dovut proprju, waħdu jiġifieri u kemm għall-ammont li kien dovut solidalment ma' Imnarja Ventures Limited u sar dak il-ftehim. Fil-fatt fis-17 ta' Diċembru 2002, Dr Cassar Pullicino kien kiteb lil-legali ta' Mapa Holdings Limited hekk:*

> *«I write to inform you that prior to yesterday's Court hearing I was approached by your client Michael Zammit who proposed settling Mapa's net liabilty in return for a release of any further liability in respect of the amounts for which Mapa are jointly and severally liable together with Imnarja Ventures. I have since taken clients' instructions and I am pleased to confirm that the proposal is acceptable to client.»*

*Xehed ukoll illi:-*

> *«L-ammont sussegwenti ta' Lm17,000 li fis-sentenza inkwistjoni ġew kundannati solidalment lill-partijiet ma jidhirlix li kienet meħuda in konsiderazzjoni.»*

*Illi fil-konfront tad-debitur l-ieħor Imnarja Ventures limitatament għal dak l-ammont li ġie kkundannat li jħallas kien diġà fil-mori tal-proċeduri inkwistjoni identifika proprjetà li kellha din is-soċjetà fejn diġà kien eżistenti mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju u kien ser jibda bil-proċeduri ta' subbasta biex ibiegħ dan l-appartament. Żied li dwar l-ammont ta' Lm17,000 kien baqa' għaddej bil-proċeduri tas-subbasta iżda in segwitu baqgħu jsiru pagamenti akkont sakemm finalment kien sar pagament lilu mingħand is-Sur Abela għan-nom ta' Imnarja Ventures li b'kollox ħallas LM32,000, LM17,000 f'sorte bl-imgħax u spejjeż ġudizzjarji. Għalhekk ġie li l-parti solidali tħallset interament minn Imnarja Ventures Limited u s-soċjetà konvenuta rrifjutat li tħallas minħabba li ssostni li kienet laħqet ftehim ma' Dr. Cassar Pullicino*

*nomine li l-pagament tas-Lm60,000 kien wieħed għas-saldu;*

*Illi peress li Imnarja Ventures kienet ħallset interament is-somma ta' sbatax-il elf, disa' mija u ħames Liri Maltin u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm17,905.86), favur Dottor Louis Cassar Pullicino nomine in eżekuzzjoni tas-sentenza hawn fuq imsemmija, flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħaxijiet fuq l-istess ammont, l-istess Imnarja Ventures, pruvat tiġbor lura nofs l-ammont li kienet ħallset. Fl-affidavit tiegħu, Joseph Abela jsemmi korrispondenza tat-2 ta' Frar 2006 fejn Dr Cassar Pullicino kkonferma illi Mapa Holdings Limited kienet ħallset l-ammont kollu għas-saldu, inkluż dik il-parti tal-prezz li kienet in solidum;*

*Illi eventwalemt, Imnarja Ventures fl-2006 fetħet proċeduri fl-ismijiet* ***Imnarja Ventures Limited v. Mapa Holdings Limited*** *Ċitaz numru 89/2006 sabiex tirkupra nofs is-somma ta' sbatax-il elf, disa' mija u ħames Liri Maltin u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm17,905.86) u ċjoè tmint elef disa' mija u tnejn u ħamsin Lira Maltin u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm8,952.93);*

*Illi permezz ta' sentenza deċiża fl-1 t'April 2009, il-Qorti kkundannat lil Mapa Holdings Limited tħallas lil Imnarja Ventures s-somma ta' tmint elef, disa' mija u tnejn u ħamsin Lira Maltin u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm8,952.93), ossija €20,854.71 oltre l-imgħaxijiet legali mis-sittax (16) ta' Ġunju 1995, u tliet kwarti tal-ispejjeż ġudizzjarji;*

*Illi sussegwentement Mapa Holdings Limited appellat minn din is-sentenza u l-aggravju kien marbut mal-interpretazzjoni li għandu jingħata lill-ftehim milħuq bejnha u Dr. Cassar Pullicino, u sostniet li bis-saħħa ta' dak il-ftehim, mhux biss ġiet terminata s-solidarjetà bejn il-partijiet, iżda ġie eżawrit id-debitu kollu li kellha ma' Dr. Cassar Pullicino nomine. Il-Qorti tal-Appell qablet ma' din is-sottomissjoni u permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Novembru 2012 laqgħet l-appell fuq ir-raġunament illi «Il-proposta tas-soċjetà konvenuta kienet immirata biex din teħles minn kull dejn li kellha lejn Dr. Cassar Pullicino nomine, u dan tal-aħħar aċċetta li jirrilaxxja lis-soċjetà konvenuta "of any further liability in respect of the amounts for which MAPA are jointly and severally liable together with Imnarja Ventures". Is-soċjetà konvenuta ma ġietx maħlula biss mis-solidarjetà, imma wkoll minn sehemha tad-dejn li kellha mas-soċjetà attriċi. Hekk għandu jiftiehem l-arranġament li s-soċjetà għamlet ma' Dr. Cassar Pullicino, kif, del resto, jidher li kien il-ħsieb wara l-proposta li għamel Michael Zammit għas-soċjetà konvenuta. Fi kliem ieħor, b'dak l-arranġament, is-soċjetà konvenuta tneħħiet bħala debitriċi, u baqgħet debitriċi s-soċjetà attriċi, però, għal sehemha mill-istess dejn»;*

> *«…. Meta l-kreditriċi aċċettat li tillibera lis-soċjetà konvenuta "of any further liability", kienet qed taċċetta l-estinzjoni parzjali tad-debitu, u d-debitur l-ieħor, is-soċjetà attriċi, kellha tħallas biss nofs dak id-debitu.»*

*Il-Qorti tal-Appell issoktat tikkummenta li:*

> *«Is-soċjetà attriċi tgħid li hi ħallset is-somma kollha, u allura għandha dritt tirkupra nofs is-somma mingħand is-soċjetà konvenuta. Jekk, però, jirriżulta li hi ħallset ħażin, ma tistax tgħabbi b'dan l-iżball lis-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà attriċi għażlet li tħallas mingħajr ma jidher li għamlet verifika sewwa ta' xi tħallas mill-parti l-oħra; qabdet u ħallset kollox, inkluż dak li ma kienx dovut, la minnha u wisq anqas mis-soċjetà konvenuta....*
>
> *....Dr. Cassar Pullicino xehed li l-kreditriċi "aċċettat is-somma ta' Lm60,000 għas-saldu tal-ammont dovut minn MAPA Holdings skont is-sentenza fl-intier tagħha, jiġifieri kemm dak li kienet esklussivament responsabbli għalih li tħallas, kif ukoll solidalment ukoll". Dan ifisser li fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, ġiet terminata s-solidarjetà u ġiet meħlusa minn kull dejn, u kwindi dak li seta' intalab mis-soċjetà attriċi kien biss sehemha mid-dejn, u mhux ukoll dik il-parti li ġiet maħfura. Jekk is-soċjetà attriċi ħallset iżżejjed, hi ma tistax iddur lejn is-soċjetà konvenuta biex tiġbor mingħandha dak li ma messha qatt ħallset f'isimha.»*

*Illi fit-28 ta' Ottubru 2013 ingħatat sentenza mill-Qorti tal-Appell fuq ritrattazzjoni fuq l-istess kawża (89/06) li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell;*

*Eċċezzjoni dwar in-natura tal-azzjoni*

*Illi permezz ta' din il-kawża, l-attriċi qiegħda titlob restituzzjoni ta' ammont ta' flus li ssostni li ma kinux dovuti, kawża ta' proċeduri legali li ssostni li kienu abbużivi, kif ukoll danni konsegwenzjali, partikolarment l-ispejjeż legali relatati. Huwa għalhekk ċar kemm x'qiegħed jintalab u għal liema raġuni u dan huwa biżżejjed biex issir talba għal pronunzjament ġudizzjarju taħt is-sistema ġuridiku tagħna fiż-żminijiet tal-lum. Il-Qorti tagħraf li seta' kien hemm ħtieġa ta' iktar speċifikazzjoni minħabba l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, iżda dan il-kweżit mhux sejjer iqum għar-raġuni li sejra tingħata iktar 'il quddiem f'din is-sentenza. L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk mingħajr bażi u sejra tiġi miċħuda;*

*Leġittimazzjoni passiva tal-mandatarju*

*Il-mandatarju ġie mħarrek personalment u mhux ukoll f'isem il-mandanti tiegħu. Huwa eċċepixxa li kellu jiġi meħlus milli joqgħod fil-ġudizzju billi huwa aġixxa dejjem f'isem il-mandanti tiegħu. Għal dan, fit-trattazzjoni bil-fomm, l-abbli avukat tal-attriċi ssottometta li l-mandatarju kien imħarrek sewwa billi kien hu li ġabar il-flus u mhux magħruf jekk żammhomx hu. Għal dan, il-mandatarju wieġeb li kull flus li ġabar għaddihom lill-mandanti tiegħu. Għalhekk il-mandatarju mhux biss dejjem aġixxa f'isem il-mandanti tiegħu, imma bl-ebda mod ma bbenefika personalment billi żamm għalih xi flus li ġabar mingħand l-attriċi. L-attriċi ma ressqet l-ebda prova li l-mandatarju żamm xi flus għandu. Il-mandatarju ċaħad li żamm xi flus għalih. Għalhekk ma jirriżultax li Dr. Cassar Pullicino aġixxa b'xi mod ieħor għajr bħala*

*mandatarju tal-prinċipali tiegħu. M'hemmx dubju għalhekk li personalment m'għandu xejn xi jwieġeb lill-attriċi.*

*Għalhekk it-tieni eċċezzjoni jisħoqqilha li tiġi milqugħa;*

*Illi ġaladarba l-konvenut Dr Cassar Pullicino mhux leġittimarju passiv, din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħrajn tiegħu, partikolarment dik tal-preskrizzjoni. Il-konvenuti l-oħrajn ma ressqux din l-eċċezzjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax tikkunsidraha a benefiċċju tagħhom.*

*Mertu*

*Jirriżulta li Dr Cassar Pullicino talab, bħala mandatarju tal-konvenuti l-oħrajn, ammont ta' flus li ma kinux dovuti u dan kif ikkonstatat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Novembru 2012. Huwa minnu li l-istess konvenuti ma kinux parti f'din il-kawża, u li għalhekk il-pronunzjament huwa għalihom res inter alios acta. B'danakollu, lanqas attakkaw il-validità tal-pronunzjament dedott, kif setgħu jagħmlu, f'din il-kawża. Din il-Qorti taqbel mal-pronunzjament tal-ogħla Qorti u għalhekk sejra tagħmlu tagħha għall-fini ta' din il-kawża.*

*Illi għalkemm irriżulta li l-konvenuti fetħu proċeduri u ġabru flus in eċċess ta' dak li kien tabilħaqq dovut lilhom, ma jirriżultax li għamlu dan in mala fede. Il-flus inġabru fi tliet pagamenti sal-aħħar tas-sena 2005 filwaqt li l-pronunzjament tas-sentenza msemmija ngħata fid-9 ta' Novembru 2012. Ma kienx punt legali ovvju u faċli jisfuġġi anke lill-esperti legali. Saħansitra jista' jkun hemm min ma jaqbilx mal-imsemmija sentenza. Tant li l-Qorti tal-Appell qalbet is-sentenza tal-Prim'Awla li laqgħet it-talba ta' Imnarja Ventures Limited, mogħtija fl-1 t'April 2009. Għalhekk il-Qorti ma ssibx li kien hemm xi abbuż tal-proċeduri ġudizzjarji mill-konvenuti. B'danakollu, jekk saru xi proċeduri – f'dan il-każ ta' natura eżekuttiva - li mhux suppost saru, xorta waħda min għamilhom irid iħallas l-ispejjeż tagħhom. Għandu jitqies ukoll li nofs l-ammont miġbur kien dovut u għalhekk il-proċeduri xorta waħda kienu meħtieġa biex jinġabar nofs l-ammont; għalkemm jista' jkun li biex inġabar l-ammont sħiħ kien hemm involviment ta' iktar spejjeż. Il-prova ta' dan il-possibbli eċċess fl-ispejjeż kien, s'intendi, a kariku tal-attriċi. Il-Qorti sabet riferenza għall-ammont ta' spejjeż tas-subbasta a fol 141 tal-proċess, iżda mhux ta' kemm kellhom ikunu dawn l-ispejjeż li kieku ntalab biss nofs l-ammont.*

*Għalhekk għandhom jitħallsu lura lill-attriċi:*

*Nofs LM17,905.86 sorte = LM8,952.93*

*Nofs LM14,279.8 imgħax = LM7,139.9*

*-------------------------------------------------*

*Total: LM16,092.83 = €37.484.19*

> *Illi però l-ispejjeż tal-kawża* ***Imnarja Ventures Limited v. Mapa Holdings Limited*** *fl-istadju tal-Prim' Awla, Appell, u Ritrattazzjoni ċertament ma jaħtux għalihom il-konvenuti. Il-Qorti sabet li Imnarja Ventures Limited ma kellhiex dritt tagħmel dawn il-proċeduri.»*

12. Il-kumpanija attriċi, Imnarja Ventures Limited, appellat minn din is-sentenza fis-7 ta' Lulju, 2020, u talbet lil din il-Qorti biex: (i) tħassarha fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Louis Cassar Pullicino u minflok tiċħad din l-eċċezzjoni; (ii) tħassarha fejn ħelset lill-Avukat Louis Cassar Pullicino mill-ħarsien tal-ġudizzju u minflok tilqa' l-ewwel tliet talbiet tagħha wkoll fil-konfront tiegħu; u (iii) tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-bqija.

13. L-aggravju waħdieni tal-kumpanija attriċi huwa msejjes fuq tliet punti ewlenija: (i) li bi żball, l-Ewwel Qorti spiċċat biex laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Louis Cassar Pullicino meta minn qari tal-konsiderazzjonijiet tas-sentenza tagħha, jidher li l-Ewwel Qorti ma kinitx beħsiebha tilqa' din l-eċċezzjoni; (ii) li l-Avukat Louis Cassar Pullicino għandu jwieġeb personalment għat-talbiet tagħha għaliex huwa aġixxa 'l barra mis-setgħat tiegħu bħala mandatarju tal-konvenuti Figiline; u (iii) li l-Avukat Louis Cassar Pullicino ma ressaq ebda prova li huwa kien għadda l-flejjes li tħallsu mill-kumpanija attriċi lill-mandanti tiegħu.

14. L-Avukat Louis Cassar Pullicino wieġeb għal dan l-appell fil-31 ta' Lulju, 2020 u hemmhekk huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn l-appell tal-

konvenut għandu jiġi miċħud. Imbagħad, fl-10 ta' Awwissu, 2021 ressqu t-tweġiba tagħhom il-kuraturi deputati maħtura biex jirrappreżentaw lill-konvenuti Figiline, fejn fiha huma tennew li ma jafu xejn dwar il-fatti li jsawru dan il-każ.

15. Inżamm smigħ fl-1 ta' Frar, 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. Fl-**ewwel parti tal-aggravju tagħha**, il-kumpanija attriċi tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet żball tal-pinna meta fil-parti dispożittiva tas-sentenza spiċċat laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Dr Louis Cassar Pullicino. Hija ttenni li minn qari tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, wieħed jifhem li l-Ewwel Qorti riedet tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-istess konvenut dwar ix-xejra tal-azzjoni iżda tilqa' t-tieni eċċezzjoni tiegħu li huwa m'għandux iwieġeb għat-talbiet attriċi.

17. Il-konvenut Dr Louis Cassar Pullicino baqa' ma indirizzax dan l-ilment fit-tweġiba tal-appell tiegħu.

18. Din il-Qorti jkollha tistqarr li l-kumpanija attriċi għandha raġun f'din l-ewwel parti tal-aggravju tagħha, peress li hija fejjieda fl-asserzjoni

tagħha, li l-Ewwel Qorti x'aktarx laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Dr Louis Cassar Pullicino bi żball. Minn qari b'mod sħiħ tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, jidher li d-dikjarazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti fil-parti dispożittiva tas-sentenza fejn din laqgħet l-ewwel eċċezzjoni, hija żelqa tal-pinna għaliex mill-konsiderazzjonijiet kollha li saru minnufih qabel dik id-dikjarazzjoni joħroġ ċar li l-Ewwel Qorti ma sabitx li dik l-eċċezzjoni hija mistħoqqa (ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet: ***Melina Micallef v. Kummissarju tal-Artijiet*** maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Novembru, 2017, ***Giampaolo Lonzar et v. MLS – Multinational Logistic Services Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju, 2022 u ***Joseph Micallef et v. Ruben Azzopardi et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024).

19. Minn qari tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti, huwa evidenti li din riedet tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' Dr Louis Cassar Pullicino dwar l-illeġittimità passiva tiegħu u mhux l-ewwel eċċezzjoni tiegħu biex il-kumpanija attriċi tiġi mġiegħla tfisser in-natura tal-azzjoni mressqa minnha.

20. Billi l-iżball tal-Ewwel Qorti huwa ovvju, u din il-parti tal-aggravju mhijiex ikkontestata mill-appellati, il-Qorti qiegħda tilqa' l-aggravju u sejra tħassar dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li biha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni, u minflok sejra tiċħad din l-eċċezzjoni.

21. Ngħaddu issa biex inqisu l-**<u>bqija tal-ilmenti mressqa fl-appell</u>** ta' Imnarja Ventures Limited fejn fihom hija tisħaq li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ħelset lill-Avukat Louis Cassar Pullicino mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex fil-fehma tagħha dan għandu jwieġeb personalment għat-talbiet imressqa minnha f'din il-kawża billi jiġi kkundannat iħallasha l-ammont likwidat mal-Ewwel Qorti b'mod solidali flimkien mal-konvenuti Figiline.

22. Dawn l-ilmenti jistgħu jinġabru fil-punti li ġejjin: (i) li għalkemm il-mandatarju jaġixxi f'isem il-mandant tiegħu, il-mandatarju mhuwiex imħolli jmur 'il barra mil-limiti tal-mandat lilu mogħti; (ii) li l-kumpanija attriċi qatt ma allegat li l-Avukat Louis Cassar Pullicino ħa l-flejjes żejda li hija ħallsitu u żammhom għalih; (iii) li l-Avukat Louis Cassar Pullicino ġabar ammont ta' flus akbar minn dak li kien dovut minnha lill-konvenuti Figiline u għalhekk huwa ħa passi li jmorru lil hemm mill-mandat li kien ingħata mill-imsemmija konvenuti; (iv) li għalkemm l-Avukat Louis Cassar Pullicino tenna li għadda l-flus li ġabar mill-kumpanija attriċi lill-mandanti tiegħu, huwa ma ressaq ebda prova ta' dan għajr id-dikjarazzjoni verbali tiegħu; (v) li l-piż tal-prova li l-Avukat Louis Cassar Pullicino kien għadda l-flus li ġabar mingħand il-kumpanija attriċi lill-konvenuti Figiline, kien fil-fatt fuqu; (vi) li l-Avukat Louis Cassar Pullicino ma kellu qatt jibgħat il-flejjes żejda li ġabar mingħandha lill-konvenuti Figiline; (vii) li kull ammont li rċieva l-Avukat Louis Cassar Pullicino wara li l-kumpanija attriċi ħallset id-dejn kollu li hija kellha mal-konvenuti Figiline, kien irċevih f'ismu personali u mhux aktar bħala l-mandatarju tal-konvenuti Figiline, (viii) li l-

Avukat Louis Cassar Pullicino kellu l-obbligu jħallasha lura l-flejjes żejda mħallsa lilu minnha; (ix) li jekk l-Avukat Louis Cassar Pullicino wettaq żball, dan l-iżball għandu jbatih huwa stess f'ismu personali u mhux il-kumpanija attriċi; u (x) li huwa l-obbligu tal-Avukat Louis Cassar Pullicino li jiġbor mingħand il-mandatarji tiegħu, il-flejjes żejda li rċieva mingħand il-kumpanija attriċi.

23. Meta wieħed jiġbor dawn l-ilmenti kollha flimkien, wieħed jifhem li l-argument ewlieni tal-kumpanija attriċi huwa li meta l-Avukat Louis Cassar Pullicino rċieva mingħand il-kumpanija attriċi ammont ta' flus akbar minn dak li kien dovut minnha lill-konvenuti Figiline, dan aġixxa 'l barra mil-limiti tal-mandat mogħti lilu u b'hekk irċieva dawn il-flus f'ismu personali. Għalhekk, skont il-kumpanija attriċi, l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti għandu jkun dovut lilha mill-Avukat Cassar Pullicino b'mod solidali flimkien mal-konvenuti Figiline.

24. Din il-Qorti tqis li skont l-**Artikolu 1871 tal-Kodiċi Ċivili**, it-terzi li magħhom il-mandatarju jkun ikkuntratta, m'għandhomx azzjoni kontra l-mandant meta l-mandatarju jkun aġixxa fl-isem tiegħu nnifsu. Madankollu, f'dak il-każ, il-mandatarju jkun obbligat direttament lejn il-persuna li magħha kkuntratta daqslikieku l-affari kienet tiegħu nnifsu.

25. Jiġi b'hekk, li skont dan l-artikolu tal-liġi, jekk kemm-il darba l-kumpanija attriċi kienet tal-fehma li l-Avukat Cassar Pullicino ħa passi li

marru lil hemm mill-mandat li kien ingħata mill-konvenuti Figiline, u b'hekk aġixxa f'ismu personali, hija kellha tressaq l-azzjoni tagħha direttament kontra l-Avukat Cassar Pullicino u mhux kontra l-konvenuti Figiline.

26. Din il-Qorti tifhem li fl-istadju li fetħet il-kawża, il-kumpanija attriċi forsi ma kinitx għalkollox ċerta dwar min mill-konvenuti seta' kien responsabbli biex hija spiċċat għamlet ħlas żejjed lill-konvenuti Figiline, u b'hekk kien jagħmel sens għaliha li tiftaħ il-kawża kemm kontra l-Avukat Cassar Pullicino u kif ukoll kontra l-konvenuti Figiline u mbagħad, aktar tard lejn it-tmiem tal-kawża, tieħu pożizzjoni kontra parti jew l-oħra skont dak li jkun irriżulta mill-provi.

27. Madankollu, il-kumpanija attriċi baqgħet sal-aħħar tas-smigħ ta' din il-kawża, u saħansitra anke f'dan l-istadju tal-appell, tinsisti li l-konvenuti kollha, jiġifieri kemm il-mandanti u kif ukoll il-mandatarju tagħhom, għandhom jiġu mġiegħla jroddulha lura l-ħlas żejjed li hija kienet għamlet, b'mod solidali bejniethom. Ġara iżda, li l-Ewwel Qorti sabet biss lill-konvenuti Figiline, jiġifieri lill-mandanti, responsabbli għal dan il-ħlas u ħadd mill-partijiet f'din il-kawża ma ressaq appell minn din il-parti tas-sentenza.

28. Din il-Qorti jkollha tistqarr li bin-nuqqas tagħha li tappella minn dik il-parti tas-sentenza fejn il-konvenuti Figiline ġew ordnati jħallsuha lura l-ammont ta' €37,484.19, il-kumpanija attriċi ġiet li aċċettat li meta l-Avukat

Cassar Pullicino ġabar dawn il-flejjes mingħandha, huwa kien ġabarhom f'isem il-konvenuti Figiline u mhux f'ismu personali. Dan sewwasew għaliex bit-tħaddim tal-**Artikolu 1871 tal-Kodiċi Ċivili**, il-kumpanija attriċi ma tistax titfa' tort għal dak li ġara fuq il-mandanti Figiline u fl-istess nifs tfittex lill-mandatarju tagħhom għaliex skontha dan kien qiegħed jaġixxi f'ismu personali meta ġabar il-flus mingħandha.

29. Azzjoni kontra l-mandant teskludi azzjoni kontra l-mandatarju u l-istess esklużjoni tapplika wkoll bil-maqlub. Tassew, l-insistenza tal-kumpanija attriċi li hija għandha jedd ta' azzjoni kemm kontra l-mandanti u kif ukoll kontra l-mandatarju hija kontradizzjoni fiha nnifisha għaliex il-jedd ta' azzjoni kontra xi wieħed minnhom jeskludi d-dritt ta' azzjoni kontra l-ieħor. Wara kollox, il-kuraturi deputati maħtura biex jirrappreżentaw lill-konvenuti Figiline f'din is-sentenza ma ressqu ebda appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, u b'hekk huma għandhom jitqiesu li aċċettaw li l-ammont ta' €37,484.19 huwa dovut lill-kumpanija attriċi biss mingħandhom u mhux b'mod solidali flimkien mal-Avukat Cassar Pullicino.

30. Għalhekk, mal-ewwel daqqa t'għajn, u bi tħaddim siewi tal-**Artikolu 1871 tal-Kodiċi Ċivili**, l-argumenti magħmula mill-kumpanija attriċi f'din il-parti tal-aggravju tagħha, ifallu minnufih.

31. Fuq kollox, minn qari tal-prokura mogħtija minn Elmira Figiline fl-14

ta' April, 1997, huwa ferm ċar li l-Avukat Louis Cassar Pullicino kien inħatar minnha bħala mandatarju sabiex jippreżenta atti ġudizzjarji f'isimha, jaġixxi bħala l-avukat tagħha quddiem il-qrati Maltin u jagħmel dak kollu meħtieġ biex jaqdi dmirijietu bħala l-avukat tagħha hawn Malta.

32. Skont l-**Artikolu 1868 tal-Kodiċi Ċivili**, meta persuna titqabbad biex tagħmel xi ħaġa fil-kors ordinarju tal-professjoni tagħha, mingħajr ma jiġu espressament limitati s-setgħat tagħha, jitqies li din il-persuna ngħatat is-setgħa li tagħmel dak kollu li jidhrilha meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-mandat, u li, skont ix-xorta tal-professjoni jew tax-xogħol hawn fuq imsemmija, jista' jiġi magħmul minnha. Dan l-artikolu tal-liġi huwa konsegwenza tal-prinċipju li l-mandatarju ma jikkuntrattax u ma jaġixxix f'ismu personali, iżda jkun offra s-servizzi tiegħu biex jaġixxi f'isem il-mandant, li għalhekk għandu jitqies bħala dak li kkuntratta.

33. Kif jgħid **Laurent** (ara ***Diritto Civile***, Vol. XXVII, paragrafu 43), *«È il mandante che stipula e si obbliga; è dunque egli solo che può agire, come egli solo può essere convenuto»*, li maqlub għall-Malti jfisser li huwa l-mandant li jagħti l-ordinijiet u jidħol f'rabtiet mal-oħrajn u allura huwa biss il-mandant li jista' jħarrek u jiġi mħarrek. Dan naturalment jgħodd sakemm il-mandatarju jkun daħal f'kuntratt bħala mandatarju u mhux f'ismu personali.

34. Hekk pereżempju, meta perit jitqabbad minn sid ta' dar biex jeħodlu

ħsieb xi xogħol ta' bini fiha, u l-perit iqabbad bennej biex jagħmel ix-xogħlijiet, dak il-bennej għandu jedd ta' azzjoni biex jitħallas ta' xogħlu direttament kontra s-sid tad-dar. Tassew, sakemm il-perit ma jkunx qabbad lill-bennej f'ismu personali iżda bħala mandatarju ta' sid id-dar, ir-relazzjoni kuntrattwali teżisti direttament bejn il-bennej u s-sid (ara ***Andrea Spiteri v. Perit Edward Vassallo et*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Jannar, 1954).

35. Wara kollox, skont **Pacifici Mazzoni**, fir-rigward ta' terzi, kull att li l-kundizzjonijiet tal-mandat ikunu jaħsbu għalih għandu jitqies li sar fil-limiti tal-mandat. Din ir-regola hija applikabbli wkoll anke jekk il-mandatarju jkun tassew eċċeda l-limiti tas-setgħat mogħtija lilu minħabba ċirkostanzi mhux magħrufa lil terzi (ara l-ktieb ***The Word Of The Court*** ta' **Philip Farrugia Randon**, it-tlettax-il volum, l-ewwel edizzjoni, 1993, f'paġni 452 u 453).

36. Fil-każ tagħna, m'għandux ikun hemm dubju li l-Avukat Cassar Pullicino dejjem aġixxa skont il-mandat tiegħu bħala l-avukat tal-konvenuti Figiline hawn Malta. F'dan il-mandat l-Avukat Cassar Pullicino ngħata s-setgħa li jagħmel dak kollu meħtieġ biex jaqdi dmirijietu bħala l-avukat tal-konvenuti Figiline hawn Malta, u għalhekk, anke jekk fil-fatt saru ħlasijiet bi żball, meta ġabar il-flus mingħand il-kumpanija attriċi, huwa kien qiegħed jagħmel dan f'isem il-konvenuti Figiline bħala l-avukat tagħhom u mhux f'ismu personali.

37. Għalhekk, ladarba r-relazzjoni kuntrattwali hija direttament bejn il-kumpanija attriċi u l-konvenuti Figiline, bħala l-mandanti, l-Avukat Cassar Pullicino ma jistax jiġi mġiegħel biex b'mod solidali flimkien mal-konvenuti Figiline, huwa jrodd lura lill-kumpanija attriċi flejjes li ġabar f'isem il-mandanti tiegħu. Lanqas jista' jiġi mġiegħel iħallas lura dawn il-flejjes f'isem il-konventi Figiline, kif tgħid il-kumpanija attriċi, għaliex il-mandat li huwa kien ingħata, illum m'għadux aktar fis-seħħ.

38. Fl-aħħar nett, dwar l-argument tal-kumpanija attriċi li l-Avukat Louis Cassar Pullicino ma ġab ebda prova li huwa kien għadda l-flejjes li ġabar mingħandha lill-konvenuti Figiline, din il-Qorti jkollha tistqarr li fir-rikors tal-appell tagħha l-kumpanija attriċi ma kienet konsistenti xejn u meriet lilha nnifisha kemm-il darba. Sewwasew fl-argumenti mressqa minnha, hija filli tgħid li qatt ma allegat li l-Avukat Cassar Pullicino żamm dawn il-flus għalih u li huwa qatt ma kellu jibgħat dawn il-flejjes lill-konvenuti Figiline, u filli, mill-banda l-oħra hija tippretendi li huwa kellu jġib prova li tassew għadda dawn il-flejjes lill-konvenuti Figiline.

39. Minbarra l-kontradizzjonijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti tqis li matul iż-żmien kollu qabel ingħalaq l-istadju tal-provi ta' din il-kawża, il-kumpanija attriċi qatt ma ħaddnet il-pożizzjoni li l-Avukat Cassar Pullicino ma kienx għadda l-imsemmija flejjes lill-mandanti tiegħu.

40. Kemm hu hekk, il-kumpanija attriċi lanqas biss ippruvat twaqqa' x-xhieda tal-Avukat Cassar Pullicino jew tistaqsih x'kien għamel b'dawn il-flus, tant li fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2020, l-Avukat Joseph Sammut, li deher f'isem il-kumpanija attriċi, iddikjara li ma hemm ebda ħtieġa li jsir il-kontroeżami tal-Avukat Cassar Pullicino. Kien biss fit-trattazzjoni tal-għeluq li l-kumpanija attriċi għamlet għall-ewwel darba din l-allegazzjoni – ħaġa li din il-Qorti tħares lejha b'ċerta stmerrija għaliex allegazzjonijiet bħal dawn għandhom isiru waqt l-istadju tal-provi u mhux wara, sabiex dak li dwaru jkunu saru l-allegazzjonijiet ikollu ċ-ċans li jiddefendi ruħu kif xieraq. Dan l-ilment tal-kumpanija attriċi qiegħed b'hekk jiġi mwarrab.

41. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, din it-tieni parti tal-aggravju mressaq mill-kumpanija attriċi qiegħda tiġi miċħuda.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda: (i) **tilqa'** l-ewwel parti tal-appell imressaq minn Imnarja Ventures Limited billi tiddikjara li l-ewwel eċċezzjoni ta' Dr. Louis Cassar Pullicino ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti u billi tbiddel l-ewwel kap tas-sentenza tal-Ewwel Qorti biex dan jiġi jaqra li l-Ewwel Qorti laqgħet it-tieni u mhux l-ewwel eċċezzjoni ta' Dr Louis Cassar Pullicino; u (ii) **tiċħad** il-kumplament tal-appell tagħha u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-bqija.

L-ispejjeż marbuta ma' dan l-istadju tal-appell għandhom jitħallsu kollha minn Imnarja Ventures Limited: (i) fl-ewwel lok, minħabba li hija messha nqdiet bir-rimedju misjub fl-**Artikolu 825(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** biex issewwi l-iżball magħmul mill-Ewwel Qorti fl-ewwel kap tas-sentenza tagħha; u (ii) fit-tieni lok, minħabba li Imnarja Ventures Limited ma kinitx fejjieda fil-bqija tal-ilmenti mressqa minnha fl-appell tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da